MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Numru 324/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**Matthew Zahra**

**Seduta tal-lum 30 t'April, 2003.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Matthew Zahra ta' 18-il sena, bin Vincent u Veronica *nee'* Ayling imwieled tal-Pieta' fit-28 ta' Frar, 1985, u residenti 418, Triq Marsamxett, Valletta, u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 169685:

Talli fit-30 ta’ Marzu, 2003, fuq il-Monti Ta’ Qali, ffalsifikajt jew biddilt minghajr il-kunsens tas-sid, ismijiet marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta’ industrija, jew manifattura; jew xjentement ghamiltu uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija; jew xjentement qeghdt fic-cirkolazzjoni, beght jew zammejt ghandek ghall-bejgh jew impurtajt ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe’ madwar 893 ta’ CD’s u DVDs foloz.

Talli fl-istess cirkostanzim bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampajt, immanifatturajt, idduplikajt, jew mod iehor irriproducejt jew ikkopjajt, jew beght, qassamt jew mod iehor offrejt ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksut tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-ligi ta’ Malta.

Talli fl-istess cirkostanzi, ftaht jew zammejt xi post kummercjali minghajr licenzja mill-awtorita’ regolatorja.

Talli fl-istess cirkostanzi ghamilt xi haga minghajr licenzja ta’ l-awtroita’ kompetenti, meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita’ kompetenti bis-sahha ta’ dik il-ligi.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna ukoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti,

Il-Qorti hija mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tikkundanna lil Matthew Zahra ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat.

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati.

Rat l-artikoli 298(1), 298(B), 338(gg) Kap 9 u Artikolu 13 Kap 441.

Rat il-fedina penali netta ta’ l-imputat. Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u ghalhekk hemm gustifikazzjoni ghall-applikazzjoni ta’ l-Art 21 tal-Kap 9. Bl-applikazzjoni ta’ l-istess artikolu, ghalhekk tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ Lm400.

Il-Qorti tordna in oltre il-konfiska u d-distruzzjoni ta’ l-oggetti esebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------